A.L. 227 ta' l-2004

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP.220)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 91 ta' 1970.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regola 11 tal-Parti II tat-Tielet Skeda tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn ir-regoli ġodda li ġejjin:

"Ħlasijiet Transkonfini.

12. Pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u allowances li jitħallsu taħt l-Att għandhom jiġu wkoll imħallsa lill-persuna fil-forza, li jkollha jedd għalihom fi Stati Membri oħra tal-Komunità Ewropea netti minn kull taxxa u ħlasijiet relattivi għat-trasferiment tagħhom skond l-Artiklu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/49/EC tad-29 ta' Ġunju, 1998 dwar il-ħarsien tal-jeddijiet għal pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u li jaħdmu għal rashom li jkollhom moviment ġewwa l-Komunità.

Tagħrif dwar persuni li jkollhom jedd għal pensjoni, gratifikazzjoni jew *allowance*.

13. Meta persuna mill-forza tintbagħat taħdem fi Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea, dik il-persuna jkollha jedd tirċievi tagħrif adegwat dwar il-jeddijiet li jkollha taħt ir-regola 12 ta' dawn ir-regoli.".